# Qorti Kriminali

Imhallef:

**Onor. Imhallef Patrick Vella, B.A., LL.D., M. Jur. (EUR) Law.**

**Ordni ta' Supervizjoni**
(Artikolu 28G, Kap. 9)

Billi b'sentenza moghtija llum, 26 ta' Jannar, 2001 fil-kawza fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Raymond Bajada, Att ta' Akkuza 6/1999,* l-imsemmi Raymond Bajada gie kkundannat minn din il-Qorti ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospiza ghal erba' snin;

U billi din il-Qorti hi tal-fehma li hu desiderabbli li jsir hekk;

Tordna li l-imsemmi Raymond Bajada, iben Joseph u Giulina nee` Agius, numru tal-karta tal-identita` 425671(M) jitqieghed taht is-supervizjoni tal-ufficjal sorveljanti John Camilleri, u dan ghall-periodu ta' erba' (4) snin mill-lum.

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lill-hati u lill-Ufficjal Sorveljanti John Camilleri.

Imhallef

Illum, 26 ta' Jannar, 2001

# Qorti Kriminali

Imhallef:

**Onor. Imhallef Patrick Vella, B.A., LL.D., M. Jur. (EUR) Law.**

**Att ta' Akkuza**
**Nru. 6/1999.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Raymond Bajada**

**Illum, 26 ta' Jannar, 2001.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' Akkuza 6/1999.

Semghet lill-akkuzat jammetti volontarjament w inkondizjonatament fis-seduta tal-lum, l-akkuza dedotta kontrih taht l-uniku Kap li hemm f'dan l-Att ta' Akkuza, f'liema ammissjoni hu baqa' jippersisti anke wara t-twissija tal-Qorti skond il-ligi.

Tiddikjara lill-Raymond Bajada hati taht l-uniku Kap li hemm f'dan l-Att ta' Akkuza u cioe' ta' tentattiv ta' omicidju volontarju, cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, b'dan li d-delitt huwa wiehed skuzabbli ghaliex sar minn persuna filwaqt li kienet taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma kienetx tista' tqis l-eghmil taghha.

Rat l-atti processwali.

Rat l-Artikoli 41 (1) (a), 211, 227 (c), 228 (2), 31 (1) (b) (i) (ii) (iii), 596, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet lix-xhieda prodotti mid-difiza ghall-fini tal-piena.

Semghet lill-Avukat Prosekutur u lill-Avukat difensur tal-hati jittrattaw dwar il-piena.

Ikkunsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, cioe':

***1. L-ammissjoni inkondizzjonata u volontarja tal-hati fl-istadju tal-proceduri qabel ma gie format il-guri u b'hekk gew frankati spejjes u hin.***

***2. L-element qawwi tal-provokazzjoni li minhabba fiha l-hati spicca jwettaq dak li qed jammetti li ghamel bl-iskuzanti msemmija fl-Att ta' Akkuza.***

***3. L-istat ta' sahha ta' l-istess hati, kif ukoll l-istat socjali tieghu.***

***4. Il-fatt li l-familja tal-hati konsistenti f'missier anzjan ta' aktar minn sebghin (70) snin u tifel gravament 'handikappat' kif irrizulta mix-xhieda medika, hija ghall-kollox dipendenti biss u unikament fuq il-hati Raymond Bajada, u dan b'mod kostanti u ta' kuljum.***

***5. Kull cirkostanza ohra rilevanti ghall-kaz.***

Rat il-fedina penali tal-hati.

Tara li f'dan il-kaz jezistu cirkostanzi specjali u straordinarji sabiex jigu applikati l-Artikoli 21 u 28 tal-Kap. 9.

Tiddeciedi ghalhekk billi tikkundanna lill-Raymond Bajada ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija, b'dana, pero', li tordna a tenur ta' l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 li din il-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin mill-lum, l-hati Raymond Bajada jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija; u, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 G tal-Kodici Kriminali, il-Qorti qed tpoggi lill-istess Raymond Bajada taht is-supervizjoni ta' l-Ufficjal tal-Probation John Camilleri bhala ufficcjal sorveljanti ghaz-zmien kollu tal-perjodu operattiv, cioe' erba (4) snin mil-lum. Il-Qorti fissret bi kliem car lill-hati kemm ir-responsabbilta' tieghu taht l-Artikolu 28 B tal-Kap. 9 jekk hu jikkometti reat li ghalih hemm piena karcerarja matul il-perjodu operattiv, kif ukoll l-effetti ta' din l-Ordni ta' supervizjoni. Inoltre l-Qorti qed tikkundanna l-hati li jhallas Multa ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300).

Fl-ahhar nett il-Qorti tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti u, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9, tikkundanna lill-hati sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' mija, wiehed u erbghin liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm141. 20c), spejjes peritali inkorsi waqt dawn il-proceduri.

(ft) Joseph Sammut
Dep/Registratur